MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2011

Numru 1037/2004

Il-Pulizija
(Spettur Ian Abdilla)

vs

Alfred Tonna
Lawrence Busuttil

Il-Qorti,

L-imputati – rispettivament ta' karta ta' identita' numru 2369M u 170483M - jinsabu akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fis-sena 2004 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:
1. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdew b'qerq iehor, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta'

krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh
bi hsara ghal haddiehor ghall-ammont li jlahhaq Lm398 ghad-detriment ta' Gasan Mamo Insurance u ohrajn – bi ksur tal-Artikolu 308, 309 u 310(b) tal-Kap 9;

L-imputat Alfred Tonna jinsab wahdu akkuzat: talli bil-hsieb li jikseb ghalih jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistruggja, xerred l'hawn u l'hemm jew qarraq b'xi mezz li jkun, hwejjeg tieghu u cioe' il-vettura Volvo numru ta' registrazzjoni GAA 418 – bi ksur tal-Artikolu 295 tal-Kap 9;

L-imputat Lawrence Busuttil jinsab wahdu akkuzat: talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi b'xi mod xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt Alfred Tonna fl-atti li bihom l-istess Alfred Tonna ghamel qligh ghalih innifsu jew ghall-haddiehor mill-hlas ta' flus ta' sigurta' kontra r-riskji jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddistruggja, xerred l'hawn u l'hemm jew qarraq b'xi mezz li kienu hwejjeg tieghu – bi ksur tal-Artikolu 42 u 295 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti jirrisulta li l-odjerni proceduri kriminali kontra l-imputati nbdew in segwitu ta' investigazzjoni mill-Pulizija wara rapport receipt minnhom mid-ditta assikuratrici 'Gasan Mamo Insurance' dwar li l-imputat Alfred Tonna, kien wettaq frodi in konnessjoni ma' zewg incidenti awtomobilistici li fihom kienet involuta l-vettura tieghu, misjuqa minnu. L-allegazzjoni kienet li l-imputat Tonna f'zewg okkazzjonijiet recenti ghal xulxin kien talab

u f’wahda ottjena risarciment, mid-ditta assikuratrici, ghad-danni sofferti fil-vettura tieghu, numru ta’ registrazzjoni GAA 418. Iz-zewg kollizjonijiet kienu dawk li sfaw rispettivament fis-6 u 18 ta’ Frar 2004. L-imputat l-iehor gie ko-involt stante li fiz-zewg okkazzjonijiet kien mieghu u allegatament assista lill-allura ko-imputat Alfred Tonna fit-twettiq tal-kollizjonijiet bl-iskop li Alfred Tonna jithallas mid-ditta assikuratrici. Fi kliem iehor l-imputat Lawrence Busuttil qieghed jigi mixli bhala komplici li b’xi mod li jkun, xjentement ghin jew assista lill-awtur fl-att li bih id-delitt gie perpetrat jew ikkunsmat.

Intant, l-assikurati tad-ditta assikuratrici ma gewx imsejha biex jghatu ix-xhieda taghhom, jirrizulta madanakollu li l-kollizjonijiet fiz-zewg istanzi graw filwaqt li l-allura imputat Alfred Tonna waqaf f’daqqa u l-vettura ta’ warajh dahlet fih. Issa fil-konfront ta’ dan l-imputat ossija Alfred Tonna l-kawza tieghu giet deciza u ghaddiet in gudikat. Kienet deciza fuq ammissjoni tieghu precisament fl-14 ta’ Gunju tal-2010 – Artikolu 22 Kap 446 tlett snin.

Illi sussegwenti ghal dan il-proceduri tkomplew fil-konfront l-imputat odjern fejn fihom xehed l-imsemmi Tonna. Dan stqarr li ma kienx minnhu li l-imputat odjern b’xi mod assistih jew ghinu biex graw il-kollizjonijiet li huma l-qofol tal-kawza. L-istess ghamel l-imputat odjern. Provi li b’xi mod jistghu, anka remotament, jitfghu xi participazzjoni tal-imputat odjern m’hemmx.

In vista ta’ dan tiddikjara l-imputat tal-lum Lawrence Busuttil mhux hati. Konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------